**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 434 tat-2 ta' Marzu 2021 dwar rapport li kien qed jiġi kkunsidrat fil-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Fil-laqgħa tal-1 ta' Marzu 2021 tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, meta l-istess Kumitat ġie biex jiddiskuti l-każ K/017, li huwa r-rapport li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bagħat lis-Sedja u li s-Sedja qassmitu lill-Membri tal-Kumitat, li huwa r-rapport *Detention of journalists at the Auberge de Castille with no explanation and by persons acting in no official capacity*, fejn is-Sedja ddiskutiet minnufih it-talba li għamel l-Onor. Karol Aquilina u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jien ipproponejt li mmorru għall-pubblikazzjoni u se ninsisti dwarha qabel ikun hemm il-pożizzjoni tal-Onor. Zammit Lewis dwar xi eċċezzjoni, *whatever*."

Is-Sedja wieġbet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Taqblu li għandna mmorru għall-pubblikazzjoni *notwithstanding* li għandkom l-eċċezzjoni?"

Hawnhekk l-Onor. Byron Camilleri wieġeb hekk:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qabel il-Kumitat jiddeċiedi jekk nippubblikawx jew le, nitlob *ruling* mingħandek. Jien fit-talba għar-*ruling* għandi obbligu li nagħmel referenza għal dak li jintqal fil-Kumitat. M'għandix problema li ngħidha għax xorta naħseb li għandi ngħidha *on air* u mhux *in camera*, allura se nkun qed nitlob *ruling* f'dan is-sens."

Imbagħad l-Onor. Karol Aquilina qal:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nerġa' ngħid li jien ipproponejt li jiġi ppubblikat issa u se ninsisti li l-ewwel tittieħed dik id-deċiżjoni qabel kwalunkwe ħaġa oħra."

L-Onor. Therese Comodini Cachia mbagħad qalet, u nikkwota:

> "**ONOR. THERESE COMODINI CACHIA:** Jien nista' naqbel mal-kollega però li nkun hawnhekk għall-ewwel laqgħa, b'rapport dwar materja importanti, b'rapport dwar trattament ta' ġurnalisti, dwar trattament tal-*press*, u nsibu metodu fil-proċedura kif nassiguraw ruħna li ma jiġix ippubblikat għaliex nitolbu *ruling* fuqu, il-pożizzjoni tiegħi hija li jien żgur ma naqbilx ma' din it-tip ta' proċedura għas-sempliċi raġuni li jekk trid tagħmel *ruling,* għandek kull dritt li tagħmlu, però mhux tagħmel *ruling* li fl-istess waqt iċaħħad lill-pubbliku minn rapport tal-Kummissarju għall-Istandards meta qegħdin f'sitwazzjoni li saħansitra rapporti internazzjonali dejjem iniżżlu lil pajjiżna 'l isfel fir-*ranking* ta' *press freedom.*
>
> Jien noġġezzjona għal din it-tip ta' proċedura jew iżjed milli noġġezzjona, nuri n-nuqqas ta' qbil tiegħi ma' dak li qed isir u ninsisti li għandha tittieħu deċiżjoni formali biex l-ewwel jiġi ppubblikat. U anke għat-trasparenza ta' kif taħdem il-Kamra u ta' kif isir ix-xogħol tal-Ispeaker, in-nies għandhom ikunu jafu fuq xiex l-Ispeaker qed jintalab jagħti *ruling*."

Għaldaqstant is-Sedja wieġbet:

> "**L-ISPEAKER:** Onor. Comodini Cachia, fuq dan li tlabt inti, filwaqt li l-pożizzjoni għamiltha ċara, kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Kumitat kollu u kien hemm *memorandum* li jgħid li:
>
> > "Il-Kumitat qabel mal-proposti indikati fil-ħames xenarji b'dawn ir-riżervi:
> >
> > 1. Fil-każ tal-ewwel, it-tielet u l-ħames xenarju, il-Kummissarju m'għandux jippubblika r-rapporti tiegħu."
>
> Issa l-ewwel xenarju huwa "sejbien *prima facie* ta' aġir li jmur kontra l-Att"; it-tielet xenarju huwa "sejbien *prima facie* ta' reat kriminali jew att ta' korruzzjoni"; u l-ħames huwa "ma jinstab ebda bażi fuqiex jinfetaħ każ għal investigazzjoni".
>
> Dan il-memorandum ikompli jgħid:
>
> > "Fejn ikun hemm sejbien ta' *prima facie* nuqqas, il-Kummissarju għandu jibgħat ir-rapport lill-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika u jinforma b'dan lil min qajjem l-ilment u lill-persuna li tqajjem l-ilment dwarha. Il-Kumitat imbagħad jiddeċiedi hu meta għandu jirrilaxxa r-rapport".".

L-Onor. Karol Aquilina baqa' jinsisti li għandu jittieħed vot dwar it-talba tiegħu li r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jien qed nitlob li dan il-Kumitat jiddeċiedi li jippubblika r-rapport minnufih. Sur President, nixtieqek li tieħu din it-talba għal vot u titlob il-vot. Naturalment inti għandek vot, tista' tiddeċiedi inti wkoll, imbagħad nimxu minn hemmhekk. M'hemm xejn fil-proċedura li jgħid mod ieħor."

L-Onor. Karol Aquilina qal ukoll hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, se jkolli ninsisti għax dan huwa stultifikar tal-proċedura."

Imbagħad l-Onor. Byron Camilleri wieġbu:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Inti se tnaqqas id-dritt tiegħi li nitlob *ruling*? Dak dritt sagrosant tiegħi. Kulħadd għandu dritt li jitlob *ruling*. Mela, kollox kif tgħid inti hawn ġew?!"

Għaldaqstant is-Sedja wieġbet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** L-Onor. Aquilina għamilha ċara, inti qed tagħmilha ċara u jien se nagħmilha ċara wkoll. Il-punt qiegħed hawn: Jekk m'hawnx qbil li jiġi ppubblikat minnufih għaliex se jintalab *ruling*, allura rrid nagħti r-*ruling*."

L-Onor. Karol Aquilina sussegwentement qal hekk:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, jien qiegħed nitlob vot sempliċi ħafna. Hawnhekk hawn ħames membri ta' dan il-Kumitat u inti, Sur President, wieħed mill-Membri ta' dan il-Kumitat. Jien qiegħed nitlob li jitressaq għall-vot li jiġi ppubblikat minnufih dan ir-rapport. Dik hija waħda mill-funzjonijiet bażiċi ta' dan il-Kumitat, ċjoè li jiddeċiedi jekk jagħmilx pubbliku jew le. Naħseb li *the bare minimum* qed nitlob illum. Mhux qed nitlobkom tgħiduli taqblux mar-rapport jew le, dik nifhem li għandhom riżervi, jew għandkom dubji, imma dik tiġi fi stadju ieħor imbagħad."

L-Onor. Edward Zammit Lewis imbagħad qal hekk:

"**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Proċeduralment mhux qed naqblu fuq punt. In-naħa l-oħra qed tgħidilna li rridu nivvotaw. Aħna qed ngħidu li f'kull stadju għandna dritt nitolbu *ruling*, u r-*ruling* jippreċedi kwalunkwe deċiżjoni oħra."

Is-Sedja hawnhekk għamlet il-pożizzjoni tagħha biex tara li l-Kumitat jimxi fid-diskussjoni u nikkwota:

"**L-ISPEAKER:** Se nerġa' nagħmel referenza għal dak li ddeċidejna aħna fil-laqgħa tat-3 ta' April 2020. Fuq meta jkun hemm serje *prima facie* ta' aġir li jmur kontra l-Kumitat, ix-xenarju huwa dan: Il-Kummissarju m'għandux jippubblika r-rapport, – u għalhekk dan ma ppubblikahx – imbagħad il-Kummissarju għandu jibgħat ir-rapport lill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u jinforma b'dan lil min eċċ. u mbagħad il-Kumitat, meta jkollu r-rapport tiegħu u jiddiskuti *whatever*, jiddeċiedi hu meta għandu, jekk ikun il-każ, jirrilaxxa r-rapport. Aħna għadna fl-istadju tal-ewwel seduta, ir-rapport qiegħed hawnhekk, għad irridu niddiskutuh u għalhekk jien semmejt li għandna mmorru *in camera*, imbagħad il-Kumitat jiddeċiedi jekk jagħmlux tiegħu jew le u jippubblikah. Issa hawnhekk kellna talba immedjata, qabel ma bdejna niddiskutu r-rapport, li minnufih, u allura issa, – din hija t-talba tal-Onor. Aquilina – għandu jiġi pubblikat. Hawn qbil fuqha din?"

Wara li s-Sedja talbet jekk hemmx qbil, l-Onor. Byron Camilleri kkwalifika l-vot tal-membri tal-Gvern, li ma qablux illi għandu jiġi ppubblikat qabel ma jiġi diskuss u anke minħabba li ntalab *ruling* fuq l-istess rapport, u nikkwota:

"**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Lili, bħala Membru ta' dan il-Kamra, l-Ordnijiet Permanenti jagħtuni l-lok u d-dritt li nitlob *ruling* f'liema stadju rrid. Jien ġejt hawnhekk f'dan il-Kumitat u infurmajt lis-Sedja madwar 20 minuta ilu li nixtieq nitlob *ruling*, u sa dan il-ħin għadni ma ġejtx permess li naqra karta li ffirmajna diġà jien u l-Ministru Edward Zammit Lewis, u se nitlob dan ir-*ruling*. F'kull stadju, kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-plenarja jew inkella kwalunkwe xogħol ieħor tal-Kamra, jista' jintalab dan ir-*ruling*. Imbagħad ikun hemm dan ir-*ruling* u naraw. Kull deċiżjoni li jkun hemm imbagħad nimxu magħha, m'għandniex problema. Imma naħseb li għandi dritt nitlob *ruling* lis-Sedja u mbagħad nimxu miegħu."

Is-Sedja hawnhekk għamlet il-pożizzjoni tagħha biex jittieħed il-vot u qalet:

"**L-ISPEAKER:** Se nimxi hekk: qed nifhem it-talba tiegħek u qed nifhem lill-Onor. Aquilina. Jien se nitlob vot b'mod immedjat dwar dak li talab l-Onor. Aquilina u mbagħad ngħaddu għar-*ruling* tiegħek."

Għaldaqstant ittieħed il-vot u kien hemm żewġ membri favur u tnejn kontra. L-Onor. Byron Camilleri imbagħad qal:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Aħna qed ngħidu li għandu jkun hemm talba għal *ruling*. Ir-rapport diġà qiegħed għand il-midja kollha u allura dan huwa biss punt ta' … mhux ta' proċedura u ma nafx x'naqbad insejjaħlu. Però r-rapport diġà qiegħed għand kulħadd. Allura qed ngħidu li għandu jkun hemm *ruling*, imbagħad wara l-Kumitat jagħmel deċiżjonijiet tiegħu skont ir-*ruling* li jingħata."

Is-Sedja wieġbet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** M'hawnx qbil. Għaldaqstant nimxu għar-*ruling*."

L-Onor. Karol Aquilina qal lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Imma inti għandek il-vot."

Is-Sedja reġgħet qalet li ma kienx hemm qbil għaliex kien hemm żewġ voti favur u tnejn kontra. Is-Sedja qalet ukoll hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Jekk qed titolbu *casting vote* tiegħi, wara li smajt lill-Onor. Karol Aquilina, lill-Onor. Therese Comodini Cachia, l-ispjegazzjoni u l-vot kontra mill-Ministru Byron Camilleri u l-Ministru Edward Zammit Lewis, kif ukoll il-*memorandum* li l-Kumitat iddeċieda fis-Seduta tat-3 ta' April 2019, fejn huwa indikat li l-Kumitat imbagħad jiddeċiedi hu meta għandu jirrilaxxa r-rapport, ladarba s-seduta għadha qed tibda u r-rapport għadu fil-bidu nett u lanqas ġie diskuss imma sempliċement ġiet indikata t-talba b'mod minnufih mill-Onor. Aquilina, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja tiddeċiedi li għalissa, sakemm jiġi diskuss ir-rapport mill-Kumitat u jintalab dak li għandu jintalab għad-diskussjoni, m'għandux jiġi rilaxxat qabel ma jiġu eżawriti dawn il-proċeduri kollha."

Hawnhekk is-Sedja spjegat il-vot tagħha fejn peress illi kien għadu lanqas biss ġie diskuss ir-rapport u kien qiegħed ukoll jintalab *ruling*, allura tagħmel referenza għall-fatt li:

> "**L-ISPEAKER:** Proċeduralment fil-Parlament jista' jintalab fi kwalunkwe stadju. Dik hija funzjoni kostituzzjonali."

Hawnhekk saret referenza għal dak li qal l-Onor. Byron Camilleri, fejn talab ir-*ruling* li huwa miktub fuq żewġ faċċati u ffirmat mill-istess Onor. Byron Camilleri u l-Onor. Edward Zammit Lewis.

> Mingħajr il-ħtieġa li nidħlu fil-mertu tar-rapport, li wara kollox ma fih ebda bażi, dan il-kumitat illum huwa qabel xejn obbligat jiddiskuti l-metodu ta' kif tfassal dan ir-rapport.
>
> Għaliex xi kredibbiltà jista' jkollna nitkellmu fuq l-istandards jekk ma jkunx dan il-kumitat stess li jara li mhux biss l-istandards jiġu osservati iżda anke l-liġijiet.
>
> Biex nkunu ċari, ħadd daqs dan il-gvern ma jemmen fil-Kummissarju tal-Istandards.

Wara kollox dan il-gvern mexxa 'l quddiem din ir-riforma tant importanti u ħatar Kummissarju għall-Istandards.

Iżda, anke l-istess Kummissarju għall-Istandards huwa mistenni jħares il-prinċipji fundamentali tas-saltna tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri.

U biex tħares is-saltna tad-dritt trid qabel xejn tħares il-liġi.

Nemmnu li l-Kummissarju mar *ultra vires* il-poteri tiegħu u m'operax fil-mansjonijiet u fil-limiti mogħtija lilu fil-ligi. Bi kliem sempliċi, ħa jifhem min qed isegwi, skont il-liġi dan ir-rapport ma setax isir.

Għaldaqstant qed jintalab *ruling* skont hekk kif ġej:

1. Illi l-istess fatti li investiga l-Kummissarju jifformaw il-mertu ta' proċediment penali li ilu għaddej u li dwaru għad hemm proċeduri pendenti quddiem il-qrati tagħna. Dan ifisser li a tenur tal-Art. 13[3] tal-Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Istandards mhux biss ma messu qatt wasal għal dan ir-rapport, iżda ma kellux lanqas jgħaddi sabiex jinvestiga *ab initio*. Dan mhux biss għaliex sal-lum għad hemm dan il-proċediment penali pendenti iżda wkoll għaliex il-Kummissarju tal-Istandards ma setgħa qatt jgħaddi biex jinvestiva allegazzjoni fuq kwistjoni li dwarha l-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni; kif seħħ fil-każ preżenti. Għalhekk il-proċess kondott minnu huwa irritu u null. L-Art. 13[3] jagħmilha ċara li huwa obbligu fuq il-Kummissarju li ma jipproċedix [fit-test Ingliż '*shall*']. Għalhekk il-Kummissarju ma seta' qatt jibqa' għaddej bl-indaġini tiegħu u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar l-istess [*Vide* kummenti tal-Kummissarju *a fol* 3 *et seq*. tar-rapport].

Illi l-fatti investigati mill-Kummissarju tal-Pulizija u li eventwalment wasslu għal tali proċedimenti penali huma intimament marbuta mal-fatti investigati mill-Kummissarju tal-Istandards u l-istess Kummissarju tal-Istandards ma jistax jgħid li dawn huma separat u distinti mill-fatti li hu għazel li jinvestiga għaliex jemerġu minn akkadut wieħed u cjoè dak li seħħ nhar id-29 ta' Novembru, 2019. Kieku qatt kellha tiġi aċċettata din il-linja ta' ħsieb jinħoloq preċedent altament perikoluż għaliex jiġi li l-Kummissarju tal-Istandards huwa ogħla mil-Liġi li tirregolah u jispiċċa jarroga għalih, kif għamel f'dan il-każ, setgħa li m'għandux, anzi setgħa li l-Liġi espressament teskludih milli jeżerċita; u ċjoè li jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċediment fil-Qorti u li ġiet investigata mill-Kummissarju tal-Pulizija, ħaġa li *ex lege* hu vvjetat milli jagħmel.

2. *In linea* sussidarja u mingħajr preġudizzju għall-argument suindikat, ir-ruling tal-Onorabbli Speaker datat 11 ta' Jannar 2021 għandu jiġi estiż ukoll għall-fatt li meta ġie konkluż tali rapport u ċioè l-11 ta' Frar 2021, il-persuna indagata ma kinitx tifforma parti mill-persuni indikati fl-Art. 3 tal-Kap. 570 u per konsegwenza inutli tibqa' tinvestiga persuna li m'għadhiex taqa' taħt tali liġi u meta ġà ġie deċiż mill-Onorabbli Speaker li ma jistgħux jiġu applikati għaliha sanzjonijiet taħt l-istess liġi kontra tiegħu.

M'għandniex għażla oħra li nitolbu dan ir-*ruling* għax jekk nħallu dak li sar għaddej ikun qed joħloq preċedent ikrah għall-ġejjieni.

Għax l-ebda uffiċċju, l-ebda kumitat parlamentari, ma jista' jaħdem jekk mhux f'qafas ta' liġi.

Għaldaqstant qed jintalab *ruling* mis-Sedja dwar dawn iż-żewġ punti.

Iffirmat mill-Onor. Dr Edward Zammit Lewis u mill-Onor. Dr Byron Camilleri

Imbagħad saret diskussjoni dwar ir-*ruling* li ntalab, u nagħmel referenza għal dak li qal l-Onor. Edward Zammit Lewis:

> "**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Sur President, naqbel mal-ewwel biċċa li qal, u dwar x'inhuwa l-funzjonament ta' dan il-Kumitat, però ċertament ma nistax naqbel li dak li tlabna aħna b'xi mod għandu jiġi wara; anzi dak li tlabna aħna huwa tant li jinfed l-oriġini ta' dan kollu, li għandu jiġi deċiż issa, qabel ma nipproċedu bil-passi li qed tgħidu intom. L-ewwel biċċa qbilt miegħu. It-tieni: l-argument huwa kontra preċiżament dak li għidt inti."

Is-Sedja mbagħad qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Jekk fhimt sewwa x'qed jitlob, huwa qed jitlob jekk kemm-il darba taħt l-artikolu 13(3) setax jibda bl-investigazzjoni jew le."

L-Onor. Edward Zammit Lewis imbagħad qal hekk:

> "**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Huwa obbligu tagħna daqskemm huwa tagħkom li naraw li l-Kummissarju jimxi u jkun ċirkoskritt fil-masjonijiet tiegħu. Jiġifieri jekk aħna qed nintebħu li r-rapport … Kif qal tajjeb l-Onor. Aquilina, aħna għandna rwol superviżorju fuq dak li jagħmel ukoll l-istess Kummissarju tal-Istandards. Issa jekk qed jidhrilna li r-rapport mar *ultra vires*, – din hija opinjoni tagħna u mhux neċessarjament għandna raġun – bilfors kellna nissenjalawha. Dak li qed nagħmlu. L-istess Kummissarju tal-i*standards* fl-aħħar mill-aħħar huwa uffiċjal ta' dan il-Parlament u jirrispondi lil dan il-Kumitat inkwantu li tgħid il-liġi, però jirrispondi wkoll lill-President tal-Kamra."

Il-kwistjoni f'dak l-istadju kienet jekk ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kienx *ultra vires* u r-*ruling* li ntalab kien dwar hekk.

Is-Sedja wara li rat it-talba għar-*ruling*, se tiddeċiedi fuq it-talba dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 13(3) tal-Kap. 570, kif indikat fil-punt numru 1 tat-talba għal *ruling* ippreżentata mill-Onor. Edward Zammit Lewis u mill-Onor. Byron Camilleri, u mhux se tieħu konjizzjoni tal-punt numru 2 tal-istess talba li jgħid hekk:

> "2. *In linea* sussidjarja u mingħajr preġudizzju għall-argument *suindicat,* ir-*ruling* tal-Onor. Speaker datat 11 ta' Jannar 2021 għandu jiġi estiż ukoll għall-fatt li meta ġie konkluż tali rapport, u ċjoè l-11 ta' Frar 2021, il-persuna indagata ma kinitx tifforma parti mill-persuni indikati fl-artiklu 3 tal-Kap. 570, u per konsegwenza inutli tibqa' tinvestiga persuna li m'għadhiex taqa' taħt tali liġi meta diġà deċiż mill-Onor. Speaker li ma jistgħux jiġu applikati għaliha sanzjonijiet taħt l-istess liġi kontra tiegħu."

Is-Sedja tħoss li m'għandhiex tidħol fil-mertu ta' din it-tieni talba, *stante* li r-*ruling* li qegħdin jagħmlu referenza għalih l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Byron Camilleri qiegħed fl-istadju tal-appell u għaldaqstant, b'rispett lejn il-proċeduri tal-Kamra, is-Sedja ma tħossx li għandha tidħol fih. Madanakollu se tiddeċiedi fuq it-talba dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 13(3) tal-Kap. 570.

Is-Sedja, wara li rat ir-rapport li qed nitkellmu fuqu, li huwa l-każ K/017 dwar *Detention of journalists at the Auberge de Castille with no explanation and by persons acting in no official capacity*, li ġie ppreżentat mill-Kummissaru għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-11 ta' April 2020, fejn jagħmel referenza għal "*events that lead to these investigations*" u f'paragrafu 1 tar-rapport jgħid:

> "*1. A Cabinet meeting was called on the night of 28 November 2019, at a time when protests were taking place outside the Office of the Prime Minister in the Auberge de Castille. The meeting went on until the early hours of 29 November 2019, after which then-Prime Minister Joseph Muscat held a press conference.*"

Imbagħad fil-paragrafu 2 jgħid hekk:

> "*2. The press conference was held in the Ambassadors' Hall in the Office of the Prime Minister at around 2.30 a.m. After it ended the journalists and media crews present were for a time prevented from leaving by individuals who blocked the exit doors. The individuals in question were not identifiable as government employees or official security personnel. These events were widely reported in the media on 29 November 2019.*"

Il-Kummissarju jgħid ukoll illi kif beda l-investigazzjoni:

> "*3. I took the view that this incident warranted an investigation under the Standards in Public Life Act (Chapter 570 of the laws of Malta) (the "Act") and on 29 November 2020 I accordingly decided to start an investigation on my initiative in accordance with article 13(1)(b) of the Act.*
>
> *4. Subsequently by letter of the 29 November 2020 (attached and marked Document A) the Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (the "IGM") requested me to investigate whether the conduct and treatment of journalists by the Office of the Prime Minister was in conformity with standards in public life in a democratic state, and whether I felt that I should issue recommendations so that similar incidents are not repeated.*
>
> *5. The Complainant did not refer to any specific clause in the Code of Ethics for Ministers and Parliamentary Secretaries (the "Code"), which is set out in the second schedule of the Act, as the basis of the alleged breach.*
>
> *6. I decided to treat the complaint of the IGM within my investigation and an email to this effect was sent to Nigel Mifsud and Mario Schiavone as Secretary and Treasurer respectively of the IGM.*"

Imbagħad jgħid li kien hemm protest ġudizzjarju u allura waqaf milli jkompli sakemm jara jekk hux se jkun hemm każ fil-qorti. Fil-fatt, fil-paragrafu 7 jgħid:

"*7. In view of a judicial protest filed by the IGM and five journalists on 29 November 2019 and of the Prime Minister's counter-protest dated 5 December 2019, I made enquiries to ensure that no proceedings were pending before any court or tribunal on the matter under investigation, as the Act precludes me from carrying out investigations in such circumstances. The said protest and counter-protest did not constitute proceedings as are referred to in the Act.*"

Hawnhekk jispjega għaliex ladarba kien hemm protest u mbagħad il-*counter-protest* tal-Prim Ministru u mbagħad ma kien hemm ebda eżitu ta' proċedura fil-Qorti, allura seta' jkompli jinvestiga.

Ikompli jgħid ukoll illi:

"*8. Given the nature of the circumstances in order to prevent overlaps between investigations and to ensure that article 13(3) of the Act was observed, I wrote to the Acting Commissioner of Police on 19 February 2020 to ascertain whether or not criminal proceedings were to be undertaken by the Executive Police with regards to the alleged detention of journalists within Castille. Subsequently my office was informed that a police investigation of the case was under way, so I suspended my own investigation although it was in fact completed at that point.*"

Fil-paragrafu sussegwenti l-Kummissarju mbagħad jgħid illi:

"*9. On 2 June 2020 the Acting Commissioner of Police informed me that the police had concluded its investigations and its intention was to institute criminal proceedings in connection with the case. At this stage the precise charges and the identity of the accused were not clear. For this reason, and also because there was the possibility that evidence produced in court might impinge on my own investigation and affect my conclusions, I opted as a matter of prudence to keep my investigation suspended.*

*10. Criminal proceedings were subsequently instituted against three individuals, Mr Jody Pisani, Mr Mark Gauci and Mr Emmanuel McKay, for alleged detention of other persons against their will. On 19 November 2020 the Court of Magistrates (as a court of criminal judicature) acquitted the accused for reasons that have no bearing on my conclusions. The sentence was notified to me in accordance with an order by the Court in its judgement.*"

Imbagħad jgħid, u hawnhekk qiegħda l-kwistjoni li qiegħda tiġi kkontestata fil-Kumitat, ċjoè dwar jekk il-Kummissarju setax ikompli jinvestiga, skont il-liġi, ladarba l-kwistjoni kollha għadha pendenti quddiem il-Qorti, u dan *state* li hemm appell. Fil-fatt jgħid:

"*11. On 15 December 2020 my office was informed that the Attorney General's Office had lodged an appeal against the sentence. The appeal is still to be heard.*"

Il-Kummissarju mbagħad jagħti raġunijiet għaliex hu kompla jinvestiga minkejja li l-każ qiegħed *sub judice,* u nikkwota:

"*12. Notwithstanding the appeal, I decided to bring my own consideration of the case to a conclusion. This was for the following reasons:*

*(a) My investigation did not focus on the actions of the three individuals charged in court. Nor was it concerned with whether the events of 28/29 November 2019 amounted to illegal arrest, detention or confinement. My investigation was concerned with whether any effort was made to tell the journalists why they were being held in the Ambassador's Room, and whether those who manned the exits had any official role. Hence the subject matter of my investigation does not constitute "a matter about which proceedings are pending before a court or before a tribunal established by law", and article 13(3) of the Act does not apply.*
*(b) There is no longer the possibility of evidence emerging in court that could affect my own findings. As a rule no new evidence can be produced at the appeal stage. The evidence presented before the court of first instance concerning the events of 28/29 November 2019 is consistent with that gathered in the course of my own investigation, and it has been taken into account in this case report.*
*(c) My conclusion should have no impact on the appeal proceedings since the conduct of the three persons charged did not form part of the report.*"

Interessanti huwa illi għalkemm qed jgħid illi l-persuni illi huma akkużati mhumiex parti mir-rapport tiegħu, fil-paragrafu 20 xorta nsibu li l-Kummissarju ħass il-ħtieġa, *nonostante* li l-każ tat-tliet persuni akkużati għadu *sub judice*, u nagħmel referenza għal Jody Pisani, Emmanuel McKay u Mark Gauci, fejn jgħid:

> "*20. I also interviewed the following individuals who were not OPM officials, but who were also present in the room at the time of the incident and were also identified by some of the journalists present.*
> *i. Jody Pisani*
> *ii. Emmanuel McKay; and*
> *iii. Mark Gauci."*

Is-Sedja rat ir-rapport kollu biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, il-Kummissarju setax ikompli jivestiga, u dan skont l-istess artikolu li għamel referenza għalih hu, ċjoè l-artikolu 13(3) tal-Kap. 570 li jgħid hekk:

> "(3) Il-Kummissarju m'għandux jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti jew quddiem xi tribunal imwaqqaf b'liġi, u għandu jissospendi l-investigazzjoni jekk xi persuna li jkollha interess tagħmel talba quddiem Qorti jew quddiem tali tribunal dwar il-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata, jew jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun fetħet inkjesta dwar dik il-kwistjoni, jew jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni dwar l-istess kwistjoni."

M'hemmx dubju illi l-kwistjoni hija s-suġġett ta' investigazzjoni li wasslet għal akkużi kriminali fil-konfront ta' tliet persuni li wkoll huma parti mir-rapport li s-Sedja diġà għamlet referenza għalih f'dan ir-*ruling*. Fil-fatt, il-persuni msemmija, jiġifieri Emmanuel McKay, Jody Pisani u Mark Gauci, huma persuni illi sussegwentement ġew akkużati u li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Novembru 2020, fejn l-akkuża prinċipali kienet li huma:

> "Żammew jew issekwestraw lil Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia kontra l-volontà tagħhom u dan bi ksur tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Dwar il-fatti tal-każ il-Qorti tgħid hekk:

> "Dan il-każ hu marbut ma' inċident li seħħ nhar id-29 ta' Novembru 2019 bejn it-tlieta ta' filgħodu u l-erbgħa ta' filgħodu ġewwa l-Berġa ta' Kastilja, fil-Belt Valletta wara li ntemmet konferenza tal-aħbarijiet mill-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat li għaliha kien hemm preżenti l-membri tal-Kabinett. Barra l-Berġa ta' Kastilja kien hemm gruppi ta' persuni varji, min biex jipprotesta kontra l-Gvern u min biex jappoġġja lill-istess Gvern inkluż staff ta' Ministri u Segretarji Parlamentari."

Il-Qorti tgħid ukolli illi:

> "F'dan il-proċess xiehdu disa' (9) xhieda kif ġej: Monique Agius, Miguela Xuereb, Julian Bonnici, Paul Caruana Galiza, Dr Katya Vassallo, Spettur Daryl Borg, Dr Martin Bajada, Matthew Carbone u Brian Hansford."

Fost dawn il-persuni hemm persuni illi l-Kummissarju ħass il-ħtieġa li jkompli jinvestiga, kif anke indikat fir-rapport dwar din il-kwistjoni illi hija pendenti proċediment fil-Qorti.

Is-Sedja rat ukoll dak li qed jgħid il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, fejn huwa jħoss illi ladarba ma kienx hemm aktar problema dwar aktar evidenza li tista' tinġabar fuq il-każ, allura fiċ-ċirkostanzi huwa seta' jkompli jinvestigah. Jgħid ukoll illi l-konklużjonijiet tiegħu mhux se jkollhom impatt fuq il-proċeduri tal-appell. Il-kwistjoni kollha hija jekk setax jagħmel hekk taħt l-artikolu 13(3).

Il-liġi tgħid illi "Il-Kummissarju m'għandux jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti". M'hemmx dubju illi l-kwistjoni li qed jagħmel referenza għaliha l-Kummissarju hija fuq l-istess fatti illi wasslu biex saret investigazzjoni mill-Pulizija u li tressqu tliet persuni, indikati wkoll mill-istess Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li għadha pendenti quddiem il-Qorti, tant illi l-Qorti tal-Appell għadha ma ddeċidietx fuqha.

Il-Kummissarju jgħid ukoll illi huwa kkonfortat li jista' jibqa' għaddej bl-investigazzjoni peress li quddiem il-Qorti tal-Appell ma tistax tinġieb aktar evidenza, u nikkwota eżattament x'qal:

> *"(b) There is no longer the possibility of evidence emerging in court that could affect my own findings*."

U jgħid ukoll:

> *"As a rule no new evidence can be produced at the appeal stage."*

Is-Sedja rat il-poteri illi għandha l-Qorti tal-Appell taħt l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu huwa dwar is-setgħa tal-Qorti tal-Appell, f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Inferjuri għal kawżi li jkunu ġew appellati mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti għandha l-poteri li tirrinvija l-istess atti biex jerġgħu jinstemgħu l-provi mill-ġdid, anke lill-istess Qorti tal-Maġistrati. Fil-fatt, tista' hi stess tisma' xhieda fuq ordni tagħha stess. Tant hu hekk li s-subartikolu (4) tal-artikolu 428 jgħid:

> “(4) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-appell, li jkun sar biss minħabba l-inkompetenza tal-qorti jew minħabba li tkun inkisret jew tkun naqset li ssir xi formalità, huwa mingħajr bażi, għandha tiddikjara dan u terġa’ tibgħat il-kawża quddiem il-qorti inferjuri.”

Dan huwa wieħed mill-poteri li għandha l-istess Qorti. Għalhekk, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika f’dan il-każ ċertament mhuwiex ikkonfortat b’dak li qiegħed jgħid li huwa l-poter tal-Appell Kriminali għaliex każ jista’ jerġa’ jinstema’ mill-ġdid, il-Qorti tista’ tordna aktar xhieda, u jista’ jkun hemm diversi raġunijiet fejn il-Qorti tiddikjara mod ieħor, jiġifieri mhux biss tikkonferma s-sentenza jew tirriformaha imma jkun hemm ukoll rinviju tal-istess proċeduri.

Is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi, u hawnhekk hija kkonfortata mill-fatt illi jekk wieħed jara l-poteri tal-istess Kummissarju kif joħorġu mill-Kap. 570, l-artikolu 13(3) jitkellem fuq “kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti”, m’hemmx dubju li l-kwistjoni fuq il-fatti tinkwadra proċeduri li għadhom pendenti quddiem il-Qorti. Fil-fatt, anke meta wieħed iħares lejn il-poteri li għandu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika taħt il-Parlament Ingliż, pereżempju, dan ma jista’ qatt jara u jinvestiga meta jkollok każ illi effetivament huwa kkwalifikat bħala reat, u f’dan il-każ, mill-fatti kif joħorġu mill-investigazzjoni, il-Pulizija investigat reat ta’ sekwestru, fejn:

> *“The Commissioner cannot look into crimes that are usually for the Police”.*

Għalhekk, is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi, u kif jidher bl-aktar mod ċar taħt l-artikolu 13(3), il-Kummissarju ma kellux ikompli jinvestiga l-każ inkwistjoni ladarba l-allegazzjoni fuq il-kwistjoni li qegħdin nitkellmu fuqha għadha pendenti fil-Qorti.

Ir-*ruling* huwa deċiż.